Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 419/2014

Il-Pulizija

Vs

Godfrey Casha

Illum 12 ta' Marzu, 2019,

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Godfrey Casha detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 515156M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli nhar l-14 ta' Frar 2014, kif ukoll fil-granet ta' qabel gewwa l-fond Franklyn Flats, Triq Ninu Cremona, Paola bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, gieghel, bl-awtorità tieghu nnifsu, lil xi hadd ihallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew fixkel lil xi hadd fil-pussess ta' hwejgu, jew hatt bini, jew kiser il-mixi tal-ilma jew ha l-ilma ghalih, jew b'xi mod iehor, kontra l-ligi, indahal fi hwejjeg haddiehor billi wahhal gagga b'cilindri tal-gass fl-arja ta' David Cachia u dan bi ksur tal-Art 85 (1) tal-Kap 9.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-14 ta' Ottubru, 2014, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 85 (1) u 377 (3) tal-Kodici Kriminali sabet lil Godfrey Casha hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u fic-

cirkostanzi tal-kaz, wara li rat l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, illiberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien xahrejn mil-lum kif ukoll ordnat lill-hati sabiex inehhi kull dizordni jew inkonvenjent li bih sar ir-reat u li jikkonforma ruhu mal-ligi fi zmien xahrejn mil-lum.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Godfrey Casha, ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-24 ta' Ottubru 2014, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali per Magistrat Dottor A. Bugeja tal-14 ta' Ottubru 2014 in kwantu sabitu hati tal-akkuza dedotta kontrih u konsegwentement tilliberah minn kull piena u htija skont il-ligi.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Godfrey Casha huma s-segwenti u cioè:-

Illi bir-rispett kollu, l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti u applikazzjoni hazina tal-ligi ghall-akkuza in ezami.

Illi bir-rispett kollu, l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setghetx legalment issib lill-imputat illum appellanti hati tal-akkuza u dan in vista tal-fatt li r-reat, se mai jekk qatt avvera ruhu, kien preskritt.

Hawn si tratta tar-reat ta' raggion fattasi. Il-piena ghal dan ir-reat huwa ta' prigunerija minn xahar sa tliet xhur. Ghalhekk il-perjodu preskrittiv huwa ta' sentejn skont il-para. (e) tal-artikolu 688 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Waqt is-smigh tax-xhieda quddiem l-Ewwel Qorti, hareg car, mill-istess parte civile, li l-gagga in kwistjoni kienet ilha hemm anke sa "*tliet snin qabel*". Verzjoni li hija michuda mill-imputat appellant li ddikjara bil-gurament tieghu li ilha hemm ghal iktar minn 35 sena mill-inqas. Hu x'inhu l-kaz, zgur li fiz-zewg verzjonijiet, iz-zmien hu itwal minn sentejn.

Il-punt kardinali ghalhekk huwa li din il-gagga ilha imwahhla ferm iktar mis-sentejn tal-perjodu preskrittiv. M'hemm dubbju li huwa reat istantaneu u ghalhekk is-sentejn iddekorrew minn meta twahhlet il-gagga u cioè dakinhar tal-jum tal-konsumazzjoni.

A skans ta' ekwivoci, jigi ccitat il-Manzini li jghid hekk dwar ir-reat ta' raggion fattasi:

> *"E' in ogni caso reato istantaneo, e non permanente, ancorche possa avere effetti permanenti. Ne' importa che la violenza, specialmente quella sulle cose, possa continuarsi ininterrottamente per un certo tempo ... perche il reato si consuma nell'istante in cui l'agente si e' fatto ragione da se' medisimo con l'uso della violenza, per il quale uso e' sufficiente il fatto violento iniziale".*

Wiehed jista' jara li din hija l-pozizzjoni mehuda anke mill-Qorti ta' Kassazzjoni Taljana:

> ***"Il reato di esercizio arbitrario delle proprie ragione, sia con violenza sulle cose che con violenza alle persone, si consuma <u>nel momento in cui la violenza o la minaccia sono esplicate</u>, senza che rilevi il conseguimento in concreto del fine perseguito.***

Maghdud il-principju *in dubio pro reo* u stante li fil-kaz in dizamina bejn dak il-jum tal-konsumazzjoni u l-jum meta gie notifikat bic-citazzjoni l-imputat appellant ghaddew iktar minn sentejn, l-azzjoni fil-konfront tieghu hi preskritta.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-kummenti tal-Ewwel Qorti fir-rigward tal-kundizzjoni tal-gagga in kwistjoni kienu kollha assunzjonijiet u dan ghaliex, minkejja li mir-ritratti esebiti u mix-xhieda li ta' l-imputat appellant mhuwiex kontestat li l-gagga hija f'kundizzjoni tajba, ma jsegwix illi din il-gagga twahhlet ricentement kif ried jaghti l-impressjoni David Cachia. Hemm il-fatt illi l-appellanti ddikjara li kull tant zmien u regolarment jizbogh din il-gagga sabiex izomm l-istess f'kundizzjoni tajba u ghalhekk il-gagga dehret fil-kundizzjoni li dehret fir-ritratt. Jekk l-imputat illum appellant qatt ma bajjad din il-gagga matul hamsa u tletin (35) sena, din il-gagga kienet titmermer u timtela' sadid, però donnu li l-Qorti ghamlet interpretazzjoni ghal kollox favur il-parte

civile fis-sens li gjaladarba l-gagga tinsab f'kundizzjoni tajba, ergo, il-gagga twahhlet ricentement. Illi bid-dovut rispett, il-Qorti ma tistax tasal ghal certu konkluzjonijiet ghaliex xejn ma huwa ovvju u l-Qrati, iktar u iktar Qorti Kriminali, ma jistghux jimlew il-vojt bis-supposizzjonijiet. L-Awla Kriminali hija l-Awla tal-provi u mhux tal-kongetturi jew assunzjonijiet.

Semghet lill-partijiet jirrimettu ruhhom ghall-atti processwali u appuntu ghat traskrizzjoni tat-trattazzjoni taghhom li tinsab inserita fl-atti u dan fis-eduta tal-31 ta' Jannar 2019 meta l-partijiet talbu lil Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha fuq il-provi akkweziti.

Ikkunsidrat,

Illi **PS 1257 Conrad Ellul** xehed permezz ta' affidavit li jinsab esebit fl-atti. Dan stqarr li nhar l-14 ta' Awwissu, 2013 waqt li kien xoghol mar certu David Cachia jghamel rapport u x'hin lesta r-rapport ghamel rapport iehor rigward il-persuna li toqghod fuqu. Dan qal li diga' kienu dehru l-Qorti imma dak li joqghod fuqu qisu injora l-Qorti. Cachia qal li ta' fuqu qieghed jghamel bicca ta' l-art fil-pjan fejn joqghod hu u kemm il-darba kellhom xi jghidu rigward din il-bicca ta' l-art. Cachia qal li iktar kmieni dik is-sena kienu diga' telghu l-Qorti. Cachia qal ukoll li fit-tarag il-komun hemm tlett bicciet ta' l-art. Is-sur Cachia qal li l-importanti hu li s-sur Cachia inehhi il-bicca ta' l-art tal-pjan fejn joqghod hu u jekk irid l-ohrajn ihallihom.

Huwa ghamel kuntatt mas-sur Godfrey Casha u qallu dwar l-inkonvenjent tas-sur Cachia rigward il-bicca ta' l–art u s-sur Cachia qallu li ma jhossx li ghandu inehhilha ghax l-ewwel nett m'hix qeda quddiem il-bieb ta' Cachia u t-tieni haga li peress li fit-triq taghhom hemm ammont kbir ta' trab ikun irid jimsah saqajh qabel ma jidhol id-dar u ma jhossx li ghandu jnehhiha. Barra minnhekk is-Sur Casha qal li hu kemm il-darba hasel din il-bicca ta' l-art. Huwa informa s-sur Casha li jekk dan mhux ser inehhi il-bicca ta' l-art kien ser ikollu iresqu l-Qorti.

Fit-18 ta' Ottubru, 2013 ghamel kuntatt mas-sur Cachia biex jara jekk kienx ser inehhi l-bicca ta' l-art fejn dan ikkonferma li l-bicca ta' l-art kienet ghada hemm u ghalhekk hargu c-charges in desamina.

Jinghad li dan l-affidavit ma ghandu x'jaqsam xejn ma l-akkuza odjerna salv li jindika li bejn il-partiejti hemm 'bad blood' beix sahansitra anke rapport fuq bicca ta' l-art jigi presentat l-ghassa.

Illi dan ix-xhud xehed ukoll viva voce nhar is-17 ta' Novembru, 2014 u qal li nhar l-14 ta' Awwissu 2013 ghal-habta tad-9.00 a.m kien mar is-sur Cachia fejn kien infurmah li kien tela' fuq it-turetta tal-kamra tieghu u sab illi l-persuna li kienet toqghod fuqu kien wahhal gagga tal-hadid. Meta staqsih jispjegalu daqxejn f'hiex kienet tikkonsisti din il-gagga, dan qallu li sabiex jitpoggew cilindri tal-gass go fiha. Huwa kellem lill-apellant u dan qallu li c-cindri tal-gass dejjem hemm kienu pero' minn erba' snin 'l hawn kien irranga d-dar u peress li qabel ic-cilindri kien poggihom fuq sempliciment kanna ddecieda li jghamel struttura aktar safe u ghalhekk ghamel gagga.

Rat ir- rapport tal-Perit J Mangion datat 29 ta' Lulju 2013 li kien inkarigat sabei jghamle ir-rapport fuq inkarigu moghti lilu mill-parte civile. Dan ikkonferma li kien hemm gagga tal- hadid li kient qed izomm zewg cilindri tal-gass imwahhla ma hajt propjeta' tal-appellant fuq l-arja tal- bejt tal-parte civile. Zied jghid ukoll li l-parte civile tiehu hsieb il-maintenance regolari ta' dan il-bejt darba kull tlett snin u l-ahhar darba kien xi tlett snin qabel ma irrediga r-rapport.

Rat ir-ritratt esebit fl-atti a fol. 10 markat bhala dok GC2.

Rat illi **David Casha** xehed quddiem l-ewwel Qorti nhar l-14 ta' Ottubru, 2014, liema xhieda ma tinsabx inserita fl-atti. Illi pero' dan ix-xhud rega xehed quddiem din il-Qorti diversament preseduta nhar is-17 ta' Novembru, 2015. Dan spjega illi darba minnhom l-gar tieghu qabizlu fuq l-bejt u wehhilu gagga tal-hadid u tefgha zewg cilindri gass fiha. Qal li l-bejt huwa tieghu u l-gar tieghu l-appellant m'ghandux access ghalih. Qal li din kienet it-tieni darba. Mistoqsi jekk Casha talbux xi permess jghid li ma talbux. Muri r-

ritratti esebiti fl-atti jghid li dak huwa mal-hajt ta' Casha. Qal li m'humiex ma l-arti izda ma l-arja tal bejt tieghu. Mistoqsi kemm kien ilu li wehhilhom jghid li xi erba' snin ilu. Jghid li qabad u ghamel toqba u tefa' c-cilindri ghal ghandu. Mistoqsi jekk setax kien il-kaz li l-gagga kient ilha hemm xi tletin sena jghid li le mhux minnu.

L-**appellant Godfrey Casha** xehed nhar is-17 ta' Novembru, 2014 u qal li kien ilu jghix f'dan il-fond ghal-hamsa u tlettin sena u c-cilidri tal-gass tieghu dejjem kienu fuq dan il-bejt. Jghid li l-kcina tieghu minn dejjem kient fejn hi llum. Qal li ic-cilindri kienu jistriehu fuq briksa li ghadha hemm pero' wara xi tmien xhur li kien ilu jghix hemm kien ghamel gagga peress li ma kienux juzaw dik il-parti tal-bejt u ghada hemm sa illum l-istess gagga. Qal li l-gagga ilha hemm bejn wiehed u iehor 34 jew 35 sena. Qal li fil-fatt bintu ilha mizzewgha biss biss sebgha snin u mhux erbgha snin kif qalet l-parte civile. Mistoqsi jekk setax jara minn dejjem jghid li sa fejn jaf hu seta jarha mill-bitha. Ikkonferma li sid l-arja ta' fejn hemm ic-cilindri huwa ta' David il-parte civile. Mistoqsi jekk rahiex f'dawn l-ahhar tlettin sena jghid li jista' jghid hu li ma kellmux dwarha f'dawn l-ahhar tlettin sena minkejja li kienet hemm fejn hi llum. Fil-fatt jghid li dan l-ahhar il-parte civile qabad ma kollox anke ma bicca tal-art.

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal din il-kawza huma is-segwenti:-

1. Illi l-parte civile qed joggezzjona ghal-gagga tal-hadid fejn hemm zewg cilindri tal-gass prorpjeta' tal-appellant stante li din tigi fuq l-arja tal-bejt tieghu.
2. L-appellant jghid li din il-gagga ilha hemm madwar tlettin sena u ghalhekk l-azzjoni hija wahda preskritta u ghalhekk mhux minnu dak li gie rapprotat mill-parte civile li fl-14 ta' Frar, 2014 kif ukoll fil-granet ta' qabel gewwa l-fond Franklyn flats, Triq Ninu Cremona, Paola qabad u wahhal il-gagga minghajr ma ottjena l-kunsens tal-parte civile.

Ikkunsidrat,

Rat illi l-ewwel Qorti kienet sabet lill-appellant hati tar-reat ta' ragion fattasi kif dispost fl-artikolu 85 tal-Ligijiet ta' Malta u dan billi huwa qabad u pogga gagga tal-hadid

b'zewg cilindri tal-gass fiha fuq l-arja li hemm sovrastatni ghall-bejt tal-kwerelanti u dan minghajr l-ebda dritt.

Din l-offiza giet klassifikata mill-legislatur taht delitti kontra l-Amministrazzjoni tal-Gustizzja u Amministrazzjonijiet ohra. Il-Professur Sir Anthony Mamo fin- Notes on Criminal Law fit-tieni volum tieghu qies dawn l-offizi bhala s-segwenti:

'*These crimes attack the State but indirectly, in as much as, without being actuated by motives hostile to the Government, they proceed from other causes, often of a private character and affect those social institutions on and by which the machinery of the Government rests and moves: those institutions, that is to say, which provide the means of guaranteeing to every member of the community the integrity of his rights and those benefits which derive from the state of civil society.*'

Fi kliem il-gurista Carrara "*La ragion fattasi e' il delitto di chiunque credendo di aver un diritto sopra cosa nell'altrui possesso, o sopra altro individuo lo esercita malgrado la opposizione vera o presunta di questo, pel fine di sostituire la sua forza privata all'autorita pubblica, senza per altro eccedere in violazioni speciali di altri diritti*."

Bl-introduzzjoni ta' dan l-artikolu, l-ghan ahhari tal-legislatur kien li jipprotegi l-*istatus quo* kontra min jiehu l-ligi b'idejh, indipendentement minn jekk l-aggressur jew il-vittma jkollux dritt jew le. Huwa artikolu intiz biex jistabilixxi l-ordni pubbliku u biex ma jhallix lill-individwu privat jezercita setgha li fl-ahhar mill-ahhar tispetta lill-**awtorita pubblika**. (Enfasi ta' din l-Onorabbli Qorti) Huwa ghalhekk li l-istess artikolu jinstab fil-parti tal-Kodici Kriminali relatata ma' delitti kontra l-Amministrazzjoni tal-Gustizzja u Amministrazzjonijiet Pubblici ohra. Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anthony Micallef**[1], il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet ikkummentat hekk fuq il-portata ta' dan l-artikolu:

"Apparti li l-azzjoni kriminali u l-azzjoni ċivili jitmexxew indipendentement minn xulxin (Artikolu 6, Kap. 9), ir-reat ipotizzat fl-imputazzjoni huwa dak ta' delitt kontra l-

[1] Deciza 11 ta' Frar, 2013

amministrazzjoni tal-ġustizzja, u aktar preċiżament id-delitt ta' l-użu kontra l-liġi mill-privat tas-setgħat ta' l-awtorita` pubblika. L-Artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali hu intiż mhux biex jipproteġi l-proprjeta`, mobbli jew immobbli, ta' dak li jkun - għal tali protezzjoni hemm l-azzjoni ċivili - iżda biex jipprevjeni l-użurpazzjoni mill-privat tas-setgħat ta' l-awtorita` pubblika. Isegwi għalhekk li, indipendentement mill-protezzjoni mogħtija permezz ta' l-azzjoni jew azzjonijiet ċivili, jekk jirriżulta bħala fatt li kien hemm l-użurpazzjoni ravviżata fl-imsemmi Artikolu 85, il- Qrati ta' Ġustizzja Kriminali għandhom jaġixxu tempestivament biex jirristabilixxu l-ordni pubblika permezz tas-sanzjoni penali.

Il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali għandhom addirittura s-setgha li jiddeterminaw kwistjonijiet ċivili inċidentali għar-risoluzzjoni tal-vertenza penali."

Illi l-elementi tar-reat in dizamina kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti gew magisterjalment migbura fid-definizzjoni analitika moghtija mill-Imhallef W. Harding fis-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza " **Il-Pulizija vs. Giuseppe Bonavia et**[2]2. " bhala:

(1) att esterni li jispolja lil xi hadd iehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun ezegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew presunta, ta' dan il-hadd iehor; Il-gurista Carrara li hafna drabi jigi citat bhala l-pedament awtorevoli ta' dawn l-erba' elementi ta' raġion fattasi jispjega dan l-element bhala "un atto esterno che spogli altri di un bene che gode ..." Ikompli jghid li "Chi e' nell' attuale godimento di un bene e continua a goderne a dispetto di chi non voglia, non delinque; perchè la legge protegge lo status quo, il quale non può variarsi tranne per consenso degl' interessati, o per decreto dell'autorità giudiciale."

(2) il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt;

(3) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel 'di privato braccio' dak li jmissu jsir per mezz ta' l-awtorita' pubblika; jew,

---

[2] Deciza fl-14 ta' Ottubru 1944 u riportata f'Vol. XXXII.iv.768.

fi kliem il-Crivellari, "la persuasione di fare da se` cio` che dovrebbe farsi reclamando l'opera del Magistrato[3]"

(4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi [4]4.

Gie ritenut illi :

"Element importanti kostituttiv ta' dar-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-agir ta' dak li jkun irid ikun maghmul bil-hsieb li hu qed jezercita dritt li jahseb li ghandu ghad-distinzjoni mir-reati ta' serq jew danni volontarji fuq proprjeta' ta' haddiehor per ezempju .

Dawn l-elementi gew riportati f'sentenzi ohra **Il-Pulizija vs Emanuel Muscat et**[5], fejn gie ritenut li hemm bzonn *li issir indagni fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li ikkommettiet dar-reat biex taghmel dak li ghamlet. L-element materjali invece jikkonsisti filli wiehed jippriva persuna ohra minn xi dritt fuq haga li ghandu id-dgawdija taghha. "*

Fuq kollox:

*"L-Artikolu 85 huwa intiz biex dak li jkun ma jiehux il-ligi b'idejh, u ghalhekk l-iskop wara din id-disposizzjoni – bhad-disposizzjonijiet fil-kamp civili dwar l-actio spolii – huwa li tipprotegi l-istatus quo."*

L-element intenzjonali huwa importanti ferm ghaliex huwa dak li jikkwalifika dan ir-reat minn reati ohra. Fil-fatt hu ben risaput – u dan johrog anke mill-istess definizzjoni tar-reat in dizamina – li l-istess att materjali jista' jaghti lok ghar-reat ta' ragion fattasi jew ghal reati ohra (hsara volontarja, serq), u jekk ikunx hemm dan irreat ta' ragion fattasi jew xi reat iehor ikun jiddependi mill-intenzjoni tal-agent. Hu rrelevanti jekk din l-intenzjoni tikkwalifikax bhala intenzjoni specifika jew intenzjoni generika[5].

---

[3] Il Codice Penale per il Regno d'Italia Interpretato ecc., Torino, 1895, Vol. VI, pagna 749

[4] Ara, fost diversi sentenzi, Il-Pulizija vs. Salvatore Farrugia, Appell Kriminali 14 ta' Dicembru 1957, Vol. XLI.iv.1506; Il-Pulizija vs. Carmel sive Charles Farrugia, Appell Kriminali 17 ta' Frar 1995, Il-Puliziia vs. Carmelo Ciantar, 18 ta' Settembru 1996. Ara wkoll Falzon, G., Annotazioni alle Leggi Criminali (Malta), 1872, p. 123.

[5] Deciza fit-30 ta' Settembru 1996 mill-Qorti tal-Appell Kriminali

Fil-fatt fis-sentenzi fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Eileen Said**[6] u **Il- Pulizija vs Vincent Cortis**[7], il-Qorti tal-Appell Kriminali kompliet telabora li *"element kostituttiv ta' dan ir-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-agir ta' dak li jkun irid ikun maghmul bil-hsieb li hu qed jezercita dritt li jahseb li ghandu ghad-distinzjoni mir-reati ta' serq jew danni volontarji fuq proprjeta' ta' haddiehor, per ezempju. Ghalhekk hemm bzonn li ssir indagini fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li kkommettiet dan ir-reat biex taghmel dak li ghamlet. L-element materjali invece jikkonsisti filli wiehed jippriva persuna ohra minn xi dritt fuq haga li ghandu it-tgawdija taghha."*

Tajjeb jinghad ukoll li t-turbattiva tal-pussess ma tridx tkun waħda merament kostruttiva iżda biex jiġi integrat dan ir-reat ta' ragion fattasi irid ikun pussess "attwali" u cioe' li l-azzjoni tat-terz tkun twassal għat-turbattiva tal-istatus quo.

Jinghad li l-appellant qed issotni li huwa pogga il-gagga tal-hadid xi tlettin sena ilu pero' minn esami tar-ritratt esebit jidher li mhux probabbli li din il-gagga ilha hemm tlettin sena u dan ghaliex zgur li bit-trapass taz-zmien tali gagga ma kientix tibqa' fil-kundizzjoni li hi illum. Jinghad li bil-maltemp u bix-xemx zgur li kien ikun hemm '*wear and tear*'. Ghahekk zgur li l-gagga m'ilhiex hemm daqstant zmien.

L-parte civile pero' jorbot iz-zmien meta saret il-gagga maz- zwieg tat-tifla tal-appellant li minn dak li stqarr l-appellant, bintu izzewget xi sebgha snin qabel ma xehed u cioe jekk xehed f'Novembru 2014 it- tifla izzewget fis-sena 2007 u ghalhekk xi sebgha snin qabel ma giet intavolata l-akkuza odjerna.

Tajjeb jinghad li ai fini ta' preskrizzjoni fil-kaz ta' ragion fattasi, anke jekk l- atti ta' kommissjoni jistghu ikollhom effett permanenti, tali atti xorta jridu jitqiesu bħala reati istantanji. B'hekk il-preskrizzjoni ta' sentejn tibda tiddekorri mill-jum tal-konsumazzjoni, cioe` mill-jum meta ġew kommessi l-atti u l-jum meta l-imputat ġie notifikat biċ-ċitazzjoni. Fil-fatt, Vincenzo Manzini jghid hekk dwar ir-reat ta' ragion fattasi:

---

[6] Deciza fis-19 ta' Gunju 2003.

[7] Deciza fis-27 ta' Novembru 2008

*"E` in ogni caso reato istantaneo, e non permanente, ancorche` possa avere effetti permanenti. Ne` importa che la violenza, specialmente quella sulle cose, possa continuarsi ininterrottamente per un certo tempo … perche` il reato si consuma nell'istante in cui l'agente si e` fatta ragione da se` medesimo con l'uso della violenza, per il quale uso e` sufficiente il fatto violento iniziale. Non si confonda, poi, il delitto permanente col delitto continuato."*

Ghalhekk f'dan il-kaz jirrizulta li l-azzjoni kient wahda preskritta ai termini tal-artikolu 688 tal-Kap 9 tal-Ligijeit ta' Malta.

Ghalhekk din il-Qorti qieghda tilqa' l-appell tal-appellant billi thassar u tirrevoka s sentenza amoghtija mill-ewwel Qorti nhar il-14 ta' Ottubru, 2014 u tilliberah minn kull imputazzjoni u piena.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur